MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 841/2002

**A B personalment u bhala kuratrici 'ad litem' ta' uliedha minuri C B u D B b' digriet tal-24 ta' Lulju 2002 li gie revokat b' digriet tat-2 ta' April 2003, u minflok gie kjamat fil-kawza Dottor Vincent Galea bhala kuratur deputat sabiex jidher ghall-istess minuri**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici A B u l-konvenut E B zzewgu fid-29 ta' Mejju 1988 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. JV1;

U peress illi miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieldu zzewgt itfal, u cioe’ C ta’ tmien (8) snin, u D ta’ hames (5) snin;

U peress illi l-imsemmi E B rrenda ruhu hati kontra l-attrici martu ta’ swat, vjolenza, eccessi, minaccji u ingurji gravi, b’ mod li rrenda mpossibli l-hajja konjugali bejniethom;

U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili (Dok JV2);

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba swat, vjolenza, sevizzji, eccessi, minaccji u ingurji gravi li l-imsemmi E B kkommetta fuq martu;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri C u D f’ idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u/ jew ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u l-mezzi ta’ zewgha liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-jum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’ zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali Raindrops, Coronation Street, Mosta flimkien mal-minuri ad eskluzjoni tal-konvenut;

7. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi fir-rigward ta’ l-ewwel talba din it-talba ghandha tintlaqa’ biss minhabba htija unikament da parti tal-attrici u dan kif se jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;

2. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-separazzjoni hija htija unikament ta’ l-attrici li ghandha relazzjoni extra-maritali ma’ Joseph B ta’ Natu, u l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali;

3. Illi ilha f’ din ir-relazzjoni ghal dawn l-ahhar tlett snin u ghalhekk hi ghandha titlef sehema mill-komunjoni ta’ l-akkwisti stante li hi ddekadiet mid-drittijiet taghha kif pretizi taht l-artikolu 48, 52, 53, 55 u 56;

4. Illi l-attrici stante l-adulterju taghha u stante l-abbandun mid-dar matrimonjali u stante li ddekadiet mill-obbligi taghha versu zewgha u uliedha, m’ ghandhiex dritt tghix fid-dar matrimonjali u ghalhekk din id-dar ghandha tkun ir-residenza esklussiva ta’ zewgha;

5. Illi fir-rigward ta’ l-ewwel talba l-konvenut jichad it-talba attrici li kien hemm vjolenza, minaccji, ingurji gravi jew eccessi da parti tieghu, izda anzi kien l-istess attrici li kienet il-kagun ta’ vjolenza, minacci, ingurji, eccessi, sevizzi da parti taghha;

6. Illi t-tielet talba attrici ma tistax tintlaqa’ u dana peress li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali, ddekadiet mill-obbligi taghha versu zewgha u uliedha u dahlet f’ relazzjoni extra-maritali;

7. Illi r-raba’ talba attrici ma tistax tintlaqa’ b’ mod simplistiku u bin-nofs ugwalment, u dana peress li l-konvenut hareg hafna mill-flus minn tieghu biex jixtri d-dar matrimonjali ‘Raindrops’ Coronation Street Mosta u dan kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;

8. Illi l-hames talba ma tistax tintlaqa’ u dana peress li ma gabet ebda dotali jew parafernali taghha;

9. Illi s-sitt talba attrici ghandha tigi michuda in toto u dana peress li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali u ddekadiet mill-obbligi taghha taz-zwieg versu zewgha u versu uliedha stess;

10. Illi s-seba’talba attrici ghandha tigi michuda in toto ghax m’ huwiex il-konvenut li huwa l-kagun tat-tkissir taz-zwieg imma huwa tort unikament ta’ l-attrici li abbandunat id-dar matrimonjali, abbandunat lil zewgha u ddekadiet mill-obbligi taghha taz-zwieg u dahlet f’ rapport extra maritali minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant u li tinsab inserita a fols.26 u 27 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonata u li tinsab inserita a fol.34 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavids prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet liz-zewg minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lilu kontemplati fl-artikolu 40 tal-

Kap.16. Minn naha tieghu l-konvenut, permezz tal-kontro-talba tieghu, qed jitlob ukoll is-separazzjoni personali minn ma' martu l-attrici, izda ghar-ragunijiet imputabbli lilha kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 ta' l-imsemmi Kap.

Illi z-zewg partijiet minn naha taghhom jichdu l-allegazzjonijiet maghmula kontra taghhom reciprokament, u jattribwixxu l-htija lil xulxin.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Mejju 1988 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal: C fis-sena 1993 u Garbriele fis-sena 1996. F' xi zmien wara t-twelid ta' l-ewwel tarbija r-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet bdiet tixxaqaq u kompliet tiddeterjora nonostante li l-partijiet kienu fittew ghajnuna professjonali. F' Jannar tas-sena 2001, is-sitwazzjoni hadet zvolta ghall-aghar meta l-konvenut skopra li martu kellha relazzjoni ma' terza persuna, guvni bl-isem 'AB'. Minn dak inhar ir-relazzjoni taghhom hzienet b' tal-mod, anke minhabba l-komportament <u>konsegwenzjali</u> izda abusiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, li l-konvivenza matrimonjali bejniethom kienet saret impossibbli, u fit-18 ta' Awissu 2002 l-attrici, flimkien maz-zewg uliedha, telqet mid-dar konjugali u marret tghix ghar-rasha f' appartament. Fit-22 ta' Lulju 2002 l-attrici stitwiet il-proceduri odjerni wara d-debita awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Illum il-gurnata t-tfal, li ghandhom 14 u 11-il sena rispettivament qed jghix ma' missierhom fuq xelta taghhom.

*Versjoni attrici*
Illi l-attrici tghid li meta zzewgu, huma kienu jghixu bis-salarju taghha peress li l-konvenut ma kellux dhul regolari. Sussegwentement, f' Awissu tas-sena 1993 meta twieldet it-tifla C hija kienet, minhabba dan il-fatt, kostretta li titlaq mix-xoghol, izda l-piz tal-familja, anke dak finanzjarju, baqa' fuqha. Hija tilmenta ukoll mill-fatt li l-konvenut rari kien igib flus id-dar u ghalhekk hi kien ikollha taqa' fuq il-flus li kienet lahqet gemmghat hi, tant li okkazzjonalment kienet titlob lill-omm il-konvenut sabiex tghinha finanzjarjament.

Izda l-ilment principali ta' l-attrici kien in-nuqqas tal-presenza tal-konvenut fid-dar. Fi kliemha: "Huwa ma kien ikun qatt id-dar, lanqas fil-weekends u l-ebda flus ma kienu qed jidhlu. Jiena sibt ruhi wahdi minghajr ghajnuna ta' xejn u ta' hadd, minghajr support."[1]

Fis-sajf tas-sena 1994 "jiena ma stajtx nissaporti izjed is-sitwazzjoni" u marret tfittex l-ghajnuna minnghand patri gizwita bir-rizultat li l-affarijiet "bdew jirrangaw xi ftit". Konsegwentement f' Ottubru 1996 twieled it-tifel D, u peress li l-konvenut ma kienx ghadu stabbli f' xogholu, l-attrici tghid li "ghal darba ohra sibt ruhi wahdi u f' sitwazzjoni aktar difficli peress li kelli zewgt itfal issa x' niehu hsieb". Hija tghid li r-relazzjoni personali ta' bejniethom bdiet sejra ghall-aghar u "fuq dan gbidtlu l-attenzjoni diversi drabi, specjalment fuq il-fatt li kellna nqattghu aktar hin flimkien wahedna. Izda "huwa qatt ma ta kaz u qatt ma nkwieta".

F' Jannar tas-sena 1997 hija bdiet tahdem ma' AB li kien habib taz-zewg partijiet u li l-konvenut kellu wkoll xi negozju mieghu. Jrrizulta li biz-zmien ir-relazzjoni ta' bejn l-attrici u dan AB harget mill-parametri ta' mghallem u impjegata, u nibtet hbiberija spejcali bejniethom, bir-rizultat li gieghli siefru flimkien fuq xoghol, u AB kien gieghli ghen lill-attrici u anke taha xi rigali. Kienu anke marru receptions ukoll flimkien.

Sussegwentement f' April tas-sena 2001 il-konvenut intebah li bejn martu u dan AB kien hemm relazzjoni ta' hbiberija specjali li tqajjem suspett ta' relazzjonijiet intimi bejniethom. Kien minn dan il-mument il-quddiem li l-konvenut biddel l-attitudini tieghu lejn martu u beda jkun abbusiv fil-komportament tieghu fil-konfront taghha bl-uzu ta' "lingwagg hazin, kattiv u jippriedka u jghajjat kull fil-ghaxija bit-tfal jsimghu kollox."[2]

Sussegwentement il-konvenut b' ghemilu u bi kliemu beda jdawwar lil uliedhom kontra ommhom, li wasslu biex kienu

[1] Affidavit fol.44
[2] Aff. Ibid

jghidulha “go away, we don’t love you”. Hi tghid li fis-sajf tas-sena 2001 kien anke sfurzaha biex ikollha x’ taqsam mieghu, bir-rizultat li ma bditx torqod fil-kamra tas-sodda. Hi tghid li “kont inhossni ser niggennen. Bdejt ninduna bil-hsara psikologika illi qed issir lit-tfal, u li kienu qed jigu mghallma illi jistghu jaghmlu dak kollu li jridu minghajr konsegwenza ta’ xejn.”[3]

L-attrici tirrakkonta ncident li sehh f’ Gunju tas-sena 2001 li fih il-konvenut kien vjolenti fil-konfront taghha bir-rizultat li hi sofriet griehi ta’ natura li gew certifikati mit-tabib kuranti bhala ta’ natura hafifa.[4]

Konsegwenzjalment hija kienet giet kostretta titlaq mid-dar konjugali flimkien mat-tfal taghhom.

*Versjoni tal-konvenut*

Il-konvenut jghid li l-problemi bejniethom “nahseb nibtu”[5] wara t-twelid ta’ l-ewwel tarbija peress li l-attrici kienet tilmenta mieghu li kienet qed issib diffikulta’ li tikkontrolla t-tarbija.

Huwa jammetti li martu kienet qaltlu d-dikors li hi ma kinitx ghadha thobbu bhal qabel, u li riedet li jqattghu zmien flimkien, izda jghid li wara dak iz-zmien l-affarijiet bejniethom kienu trangaw tant li sussegwentement twieled it-tifel D. Izda, skond hu, dan kien kollu rectar, u f’ nofs tas-sena 1998 huwa beda jisspuspetta li martu kienet tefghet ghajnejha fuq haddiehor. Huwa jsemmi s-safar li martu kienet ghamlet ma’ “AB” jghid li hija kienet tghidlu li kienu jmorru fuq xoghol, izda fis-sena 2000 il-komportament ta’ martu fil-konfront tieghu kien tali li sahhah is-suspetti tieghu. Hija bdiet turi certu bruda fil-konfront tieghu, u di fatti kienet irrifjutat il-proposta tieghu li jitilghu Ghawdex flimkien, skond hu hija kienet qaltlu “mela x’ naghmel immoru wahedna”. Beda anke jinnota li parti mill-kont tal-mobile telefon taghha kien qed jithallas minn “AB” u jsemmi cirkostanzi ohra li kkonfermawlu s-

[3] Aff. Ibid
[4] Certifikat mediku fol.155
[5] Affidavit fol.76 et seq.

suspetti tieghu  u cioe' li martu kellha relazzjoni ma' din il-persuna.

Il-konvenut jichad li hu kien isawwat lill-attrici, izda jammetti li fl-okkazzjoni ta' Gunju 2001 huwa kien irrabbjat u ddispjacut hafna meta skopra r-relazzjoni bejn martu u AB.

Il-konvenut jichad ukoll li huwa kien ihalli lil martu fil-bzonn kif qalet hi.  Huwa jikkonferma li bhala persuna self employed, kien hemm perijodu li n-negozju kien mar lura u allura l-koppja kienet taqa' fuq il-paga ta' l-attrici;  izda dana kien ghal zmien sentejn biss bejn l-ahhar tas-sena 1992 u 1994.  Huwa jemfasizza li ghal bqija huwa kien jistinka ghall-familja u qatt ma kien ihalli lil martu fil-bzonn. Kien ihallas l-ispejjez ta' l-utilitajiet kollha fid-dar u anke l-mizati ta' l-iskola tat-tfal.  Huwa jghid li wara s-sena 1994 huwa kien idahhal introjtu tajjeb b' mod regolari, tant li huwa u martu kien iddecidew li jkollhom tarbija ohra li twieldet fis-sena 1996.

Jsostni li huwa qatt ma kien xhih ma' martu, tant li kien hu li hareg il-flus ghat-tieg, ghas-safar fil-honey moon kif ukoll ghall-appartament fejn marru joqghodu fil-bidu taz-zwieg. Dan kien f' Mejju 1988.  Jghid li sena u nofs wara huma ghamlu vjagg iehor lejn l-Italja a spejjez tieghu.

Il-konvenut jispjega li qabel ma zzewweg huwa kellu diversi proprjetajiet li ma kellhomx dejn fuqhom, fosthom zewg appartamenti, u hames garaxxijiet.  Jghid li fis-sena 1999  huwa kien biegh dawn il-fondi kollha "wara pressjoni minn naha tal-mara biex nbiddluhom f' dar semi detached bungalaw" li llum hija d-dar matrimonjali.  Huwa kien uza r-rikavat mill-bejgh ta' dawn il-fondi sabiex ntxrat l-imsemmija bungalow "Raindrops" Triq il-Kurunazzjoni, fil-Mosta.  Biex jkomplu jhallsu l-prezz ta' dan il-fond "jiena u marti ghamilna loan ta' tlieta u tletin elf lira maltin [Lm33,000] li qeghdin jithallsu esklussivament mid-dhul tal-kera tal-garaxxijiet [parafernali tieghi] fi Triq il-Fortizza."

Rigward it-tluq ta' l-attrici mid-dar konjugali huwa jghid li, mhuwiex minnu li huwa kien kecciha mid-dar, izda kienet

l-attrici li ppjanat li titlaq bit-tfal u tmur tghix go appartament mikri minnha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ix-xhud Anna Degiorgio, ghalliema tat-tifla taghhom u li kienet saret habiba taz-zewg partijiet, tghid li meta bdiet is-separazzjoni, l-attrici kienet spjegatilha li hija kienet saret "hbieb hafna" ma' 'AB' "ghax kien ikollha bzonn ma' min titlkellem u lilu biss sabet." Tghid ukoll li l-konvenut kien qallha li "kien qed ihossu mwegga' li A dahhlet ragel iehor fir-relazzjoni ta' bejniethom u f' dak iz-zmien kien jipprova jifhem ghalfejn, u dan staqsini kemm-il darba."[6]

Illi mill-provi jirrizulta car li fil-hajja mizzewga kellha perijodu ta' skuntentezza; , u eventwalment wara is-sena 1997 dahhlet f' relazzjoni ma' terza persuna, liema relazzjoni, ghalkemm ma jirrizultax sodisfacentement provat li kienet wahda adulteruza, zgur li tikkwalifa bhala offiza gravi fit-termini ta' l-artikolu 40, fil-konfront ta' zewgha l-konvenut, u l-Qorti thoss li dan il-komportament illecitu ta' l-attrici huwa ta' tali portata li ghandu jattira fil-konfront taghha id-dispost ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16

Illi l-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija propensa li taghti aktar affidament lill-versjoni tal-konvenut milli l-istampa kif prezentata mill-attrici, u dana principalment fuq bazi ta' verosimiljanza. Inoltre, ghalkemm b' mod incidentali, il-fatt li fis-sena 1999, meta allura hija kienet qieghda tibni r-relazzjoni extra matrimonjali ma' AB, hija kienet ghamlet "pressjoni" fuq il-konvenut biex dan ibiegh proprjeta' parafernali tieghu u jakkwista l-fond li llum huwa d-dar konjugali tal-partijiet, bis-sahha wkoll ta' self mill-bank li skond hu qed jithallas mill-kirijiet derivanti mill-fondi wkoll parafernali tal-konvenut; dawn il-fatti jimmilitaw favur il-konvenut, u kontra l-attrici.

Illi ma hemmx dubju li l-kawza principali tat-tkissier irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet kienet ir-relazzjoni extra matrimonjali li l-attrici kellha mal-persuna li kienet

[6] Deposizzjoni fol.263

bdiet tahdem mieghu fis-sena 1997. Minn naha l-ohra, il-konvenut jahti sekondarjament billi bl-agir abusiv tieghu, konsegwenzjali ghall-komportament illecitu ta' martu u li jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40, huwa kkontribwixxa sabiex l-konvivenza matrimonjali ta' bejniethom saret impossibbli, bir-rizultat li l-attrici kellha titlaq mid-dar.

Illi rigward l-allegazzjoni attrici ta' swat da parti tal-konvenut ma tirrizultax provata, hlief f'okkazzjoni wahda f' Gunju tas-sena f' liema incident l-attrici sofriet f' idejha zewgt igriehi [haematoma] ta' natura hafifa. Zgur ma rrizultatx il-vjolenza ripetuta u abitwali. L-istess jinghad ghall-akkuza maghumla mill-konvenut fil-konfront ta' martu rigward l-abbandun; din ma tirrizultax provata, stante li jonqsu kemm ir-rekwizit tal-kawza gusta, kif ukoll dak taz-zmien.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u r-responsabbilta' ghal dan tistrieh principalment fuq l-attrici, u in subsidium fuq il-konvenut.

**Kura u Kustodja**

Illi f' dan ir-rigward jimpera l-principju li l-interessi tal-minuri huma supremi u jigu qabel l-interessi u x-xewqat tal-genituri. Il-Qorti ghandha thares lejn l-aqwa vantagg u utilita' ghall-minuri.

Fil-kaz in disamina din il-Qorti hija tal-fehma li rebus sic stantibus, tenut kont tax-xewqat tal-minuri l-kura u kustodja ghandha tigi fdata f' idejn missierhom il-konvenut, u li dawn jibqghu jghixu mieghu kif ilhom jaghmlu ghal dawn l-ahhar sena u nofs; bid-dritt ta' access liberu favur ommhom l-attrici; izda, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor, ghandu jkun hemm, almenu darba fil-weekend, access ta' erba sieghat, liema access jista' jkun separat ghal kull minuri, tenut kont tal-fatt li l-minuri C llum ghandha 14- il sena.

Din il-konkluzjoni tal-Qorti ssib konfort kemm fir-rapport[7] tas-social worker Josette Camilleri, kemm fin-nota[8] ta' l-Agenzija Appogg, kif ukoll f' dak li jidher li jixtiequ t-tfal fil-prezent.

Fil-kaz li l-partijiet jirriskontraw xi diffikultajiet f' dan ir-rigward, il-Qorti tiffissa l-modalita' ta' l-access fit-termini tan-Nota ta' l-Agenzija Appogg prezentata fit-22 ta' April 2004 u nserita a fol.184 u li titqies bhala formanti parti integrali mill-gudizzju odjern [appendici B]; u dan fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet.

Il-Qorti tordna li hadd mill-partijiet ma jesponu lit-tfal minuri taghhom ghall-presenza regolari ta' terzi li ma jkunux familjari taghhom, partikolarment fil-hin ta' l-access.

**Manteniment**

Illi n-nuqqas da parti ta' l-attrici li wassal, bhala l-kawza principali, ghal firda personali ta' bejniethom huwa tali li jgib mieghu d-dekadenza da parti taghha mid-dritt li hi titlob manteniment ghaliha minghand il-konvenut.

Illi rigward il-minuri, tenut kont tal-fatt li dawn ser jkunu qed jghixu mal-konvenut, mhux il-kaz li dan ihallas lill-attrici manteniment ghat-tfal; izda qed jigi mpost fuq il-konvenut l-obbligu li jhallas ghall-bzonnijiet kollha tat-tfal, inkluzi l-spejjez ta' edukazzjoni, inkluz l-arretrati, u sahha tal-minuri.

Jigi rilevat in propositu ghall-ispejjez ta' l-edukazzjoni, li permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fil-25 ta' Awissu 2003 il-konvenut kien gie ordnat li jhallas l-mizati ta' l-iskola tal-minuri. Jirrizulta nkontestat li l-konvenut kien baqa' inadempjenti f' dan ir-rigward bir-rizultat li l-attrici kellha thallas l-ispejjez kollha hi li sa Ottubru 2005 ammontaw ghal Lm3,150[9]. Ghaldaqstant il-konvenut huwa ordnat li jhallas din is-somma lill-attrici, flimkien ma' kull ammont ulterjuri imhallas mill-attrici u li fit-termini ta' l-

[7] Mahlfu fit-29 ta' Novembru 2005 - Fol.395 *et seq.*
[8] prezentata fit-22 ta' Awissu 2006 – Fol.468
[9] Nota fol.326

imsemmi digriet kien dovut mill-konvenut. Dan l-ammont ulterjuri ghandu jithallas lill-attrici kontra d-debiti ricevuti.

l-konvenut fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-26 ta' Ottubru 2006 quddiem din il-Qorti stqarr li, kemm-il darba hu jkollu l-kura u kustodja tat-tfal huwa ikun ippreparat li jhallas l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni taghhom.

Minn naha taghha l-attrici ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedha, tenut kont tal-fatt li, kif qalet fid-deposizzjoni taghha tas-6 ta' Frar 2007, hija ghandha impjieg regulari li minnu ddahhal is-somma netta mensili ta' Lm300 circa; u ghalhekk il-Qorti tordna li l-attrici thallas lill-konvenut kull xahar is-somma ta' sittin lira maltin [Lm60] bhala l-kontribut taghha ghall-manteniment taz-zewg uliedhom sakemm dawna jghalqu t-tmientax il-sena, jew anke qabel jekk jibdew jahdemu b' introitu adegwat.

Illi in propositu ghall-manteniment imhallas pendente lite mill-konvenut lill-attrici ghaliha, il-konvenut qed jinvoka l-applikazzjoni ta' l-artikolu 25[2] tal-Kap.16 li jikkontempla r-refuzjoni tal-manteniment imhallas pendente lite meta t-talba ghall-manteniment maghmula mill-konjugi li rcevih tigi michuda. Fil-kaz in disamina, jirrizulta li matul il-konvivenza matrimonjali l-attrici kienet ghamlet hbiberija specjali u zejda ma' terza persuna tas-sess maskili u l-Qorti thoss li dan il-komportament ghandu jattira fuq l-attrici d-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48[1][d]; u konformament cahdet it-talba ta' l-attrici ghall-manteniment ghaliha minghand zewgha l-konvenut.

Konsegwenzjalment il-vot ta' l-artikolu 25[2] jinsab sodisfatt u l-pretiza tal-konvenut f' dan ir-rigward hija gustifikata fattwalment u legalment. Ghaldaqstant l-attrici ghandha trodd lura lill-konvenut is-somma ta' Lm5,400 rapprezentanti manteniment imhallas lilha u ghaliha mill-konvenut mid-9 ta' Lulju 2002 sa Jannar 2007.

B' hekk that din is-sezzjoni l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma bilancjali ta' elfejn, mitejn u hamsin

lira maltin [Lm2,250][10] oltre manteniment ta' Lm60 fix-xahar ghat-tfal; filwaqt li huma dovuti lill-attrici minghand il-konvenut kull ammont ulterjuri li dina setghet hallset bhala spejjez ta' l-iskola minn Ottubru 2005 sal-gurnata tallum.

**Komunjoni ta' l-Akkwsiti**
Illi din tikkonsisti fis-segwenti:

*Attiv*
[1] Id-dar matrimonjali bl-isem "Raindrops" Coronation street, Mosta li l-partijiet jaqblu li ghandha valur ta' Lm150,000;

[2] Zewg vetturi, wahda Volkswagon Golf numru BLU 777 tal-valur ta' L6,000 li fil-prezent hija uzata mill-attrici; u l-ohra Jeep Maruti tal-valur ta' Lm1,600 li fil-prezent hija uzata mill-konvenut[11];

[3] Mobbli ohra; li l-partijiet ftehmu fuq il-qsim taghhom skond id-dok.A a fol.542 tal-process, liema dokument qed jifforma parti integrali minn dan il-gudizzju [appendici B];

*Passiv*
[1] Id-dejn [house loan] pendenti fuq id-dar matrimonjali;

[2] il-kreditu pretiz mill-attrici rapprezentanti nofs l-ispejjez inkorsi u mahruga mill-komunjoni ta' l-akkwisti sabiex saru xogholijiet gol fond Tecno Garage Triq il-Fortizza, Mosta, parafernali tal-konvenut; liema spejjez il-partijiet jaqblu[12] li jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm10,540;

[3] arretrati ta' taxxa bejn is-snin 1997 u 1999 dovuti skond il-ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, esebit bhala dok.JV21 a fols.153 u 154 tal-process; kemm-il darba dana jirrizulta li ghadu dovut fid-data ta' dan il-gudizzju.

---

[10] Lm5,400 – Lm3,150
[11] Il-Qorti wasslet ghal dawn l-istimi *arbitrio boni viri*, stante kontestazzjoni f' dan ir-rigward bejn il-partijiet.
[12] Vide - rapport fol.525 et seq. u verbal maghmul fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2007 fol.554

**Assenjazzjoni**

***<u>Dar Matrimonjali</u>***

Illi fin-nota guramentata tieghu l-konvenut esprima x-xewqa tieghu li jzomm id-dar “Raindrops” billi tigi assenjata lilu in piena proprjeta’ u jghati lill-attrici s-somma ta’ Lm25,000 bhala kumpens ta’ sehemha.

Illi mill-provi jirrizulta provat li sabiex inxtrat id-dar matrimonjali fl-14 ta’ Dicembru 1999, allura versu l-prezz ta’ Lm80,000, huwa kien bejgh proprjeta’ parafernali tieghu biex bir-rikavat globali ta’ Lm58,950 jithallas parti mill-prezz, filwaqt li l-kumplament thallas permezz ta’ loan li hadu l-partijiet u li ghadha tithallas sallum mill-konvenut li skond hu qed tithallas mill-krijiet derivanti minn proprjeta’ parafernali tieghu.

Il-proposta tal-konvenut hija spjegata u avvanzata a fol.334 fejn jispejga li huwa wasal ghas-somma ta’ Lm25,000, wara li mill-valur ta’ l-imsemmi fond, konkordat fl-ammont ta’ Lm150,000, huwa naqqas il-bilanc tal-loan fl-ammont ta’ Lm26,000 u l-Lm15,050 ammonti mill-loan li hallas hu mill-kirijiet.

Illi din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-fond de quo kien inxtara principalment mir-rikavat ta’ proprjeta’ parafernali tal-konvenut, u wkoll tal-htija tal-attrici ghas-separazjoni personali, tikkunsidera gusta l-proposta tal-konvenut li l-fond jigi assenjat lilu fl-intier tieghu; barra minnhekk ikun fl-interess tat-tfal li dawn jibqghu jghixu ma’ missierhom fid-dar fejn ilhom jghixu ghal certu zmien.

Izda jigi osservat li s-somma dovuta minnu lill-attrici ghandha tkun ta’ aktar minn Lm25,000; u dan tenut kont tal-fatt li l-kirijiet li minnhom il-konvenut kien ihallas l-ammonti globali ta’ Lm15,050 kienu akkwisti tal-komunjoni.

In kwantu ghall-bilanc tal-house loan, jigi osservat li, ghalkemm mill-provi jirrizulta li fis-sena 2003 il-bilanc tal-loan kien ta’ Lm28,215, fin-nota guramentata tieghu

prezenata fil-31 ta' Ottubru 2005 huwa jghid li l-bilanc tal-loan f' dak iz-zmien kien ta' Lm26,000[13].

Ghaldaqstant il-Qorti li, filwaqt li qed tassenja sehem l-attrici mid-dar "Raindrops"Triq il-Kurunazzjoni, Mosta lill-konvenut sabiex din tkun proprjeta' tieghu fl-intier taghha, tordna li l-konvenut ghandu jkkonsenja lill-attrici is-somma ta' tnejn u tletin elf lira u hames mija u hamsa u ghoxrin lira maltin [Lm32,525] .rapprezentanti nofs il-bilanc li jirrizulta wara li mill-ammont ta' Lm150,000 jitnaqqsu l-ammonti ta' Lm58,950 u s-somma ta' Lm26,000.

***Vetturi***

Illi rigward il-vetturi fuq indikati, il-Qorti tordna li, filwaqt li l-vettura Volkswagen Golf [BLU 777] li tinsab fil-pussess ta' l-attrici tigi assenjata lilha, il-vettura Maruti Jeep li tintuza mill-konvenut, tigi assenjata lill-istess konvenut. L-ekwiparazzjonii tal-valuri issir kif hawn that tabbilit.

***Krediti attrici***

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta' hamest elef, elfejn u sebghajn lira maltin [Lm5,270] rapprezentanti nofs l-ispejjez tax-xogholijiet li saru fil-fond Tecno Garage kif fuq indikat.

Illi rigward il-pretensjoni ta' l-attrici ghall-kumpens tal-kera li kellha thallas minn mindu telqet mid-dar konjugali fit-18 ta' Awissu 2002, il-Qorti tirrileva li l-provi in propositu huma skarsi, izda fid-deposizzjoni taghha tas-6 ta' Frar 2007 l-attrici qalet li hi thallas kera ta' Lm120 fix-xahar.

In propositu l-Qorti tosserva li fil-fehma taghha l-attrici kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali minhabba l-komportament tal-konvenut meta dan sar jaf bir-relazzjoni extra matrimonjali taghha, u ghalhekk kienet kostretta li taghmel dawk l-ispejjez peress li l-konvivenza matrimonjali kienet saret impossibbli. Ghalhekk il-Qorti tekwipara l-kumpens dovut lill-attrici f' dan ir-rigward, mal-

[13] Dan hu l-ahhar bilanc li jirrizulta mill-atti; di piu' ma giex kontestat

kumpens dovut lill-konvenut bhala ekwiparazzjoni ghad-differenza fil-prezz tal-vetturi.

***Krediti konvenut***

Illi, apparti l-krediti parafernali rizultat tal-bejgh tal-proprjeta' tieghu, il-konvenut qed javvanza kreditu ta' Lm10,000 depozitati f' kont [mhux identifikat minnu] mal-HSBC. Il-Qorti tosserva li ma ngabu ebda provi f' dan ir-rigward, u ghalhekk din il-pretensjoni ma treggix.

Ghaldaqstant that din is-sezzjoni, filwaqt li sehem l-attrici mill-fond "Raindrops" fuq indikat qed jigi assenjat lill-konvenut b' mod li dan gie proprjetarju uniku tal-fond intier; minn naha tieghu il-konvenut ghandu jghati lill-attrici s-somma globali ta' seba' u tletin elf lira, seba' mija u hamsa u disghin lira maltin [Lm37,795].[14]

***Arretrat ta' Taxxa***

Illi l-provi in propositu huma skarsi ghall-ahhar, u, fic-cirkostanzi, il-Qorti tordna li, jekk l-ammonti li jidhru fuq l-imsemmi dok.JV21 ghadhom dovuti llum, in toto jew in parte, dawn l-arretrati ghandhom jithallsu miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

***Kontijiet bankarji fuq isem it-tfal***

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta, jirrizulta li hemm zewg kontijiet bankarji fuq isem "Mrs.A B account D" wiehed numru 1630632205/2 savings account, u l-iehor 16306322078 savings account; filwaqt li hemm kont bankarju fuq isem "Mrs.A B account C" numru 16306322065 savings account.

Il-Qorti tordna li dawn il-kontijiet jibqghu ntestati f' isem it-tfal, u hadd mill-partijiet mhux awtorizzat jigbed flus [kaptial jew imghaxijiet] minn dawn il-kontijiet, jekk mhux bil-permess tal-Qorti. Huma pero' awtorizzati jiddepositaw flus f' dawn il-kontijiet. Meta t-tfal jsiru maggjorenni l-kontijiet jghaddu fuq ismihom biss.

---

[14] [Lm150,000 – Lm58,950 – Lm26,000] = Lm65,050 [divizi fi tnejn] = Lm32,525 + Lm5,270.

***Mobbli ohra***

Illi fin-nota guramentata taghha l-attrici ssostni li l-kamra tas-sodda principali, u kamra tas-sodda ohra, kif ukoll il-wall unit li hemm fil-living room huma proprjeta' parafernali taghha. Il-konvenut minn naha tieghu fin-nota guramentata tieghu jghid li huwa minnu li din l-ghamara nhaddmet minn missier l-attrici, izda l-ispejjez kien hallashom kollha hu, liema fatt ma giex kontestat.

Ghalhekk jidher, fin-nuqqas ta' provi ulterjuri, li dawn l-oggetti jappartjeni liz-zewg partijiet; u fic-cirkostanzi l-Qorti tassenja lill-attrici [1] il-kamra tas-sodda principali; u [2] il-wall unit; filwaqt li l-kamra tas-sodda l-ohra qed tigi assenjata lill-konvenut.

***Polza ta' Assikurazzjoni***

Illi ghajr ghal indikazzjoni fl-ahhar paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, mhux guramentata, fejn dana jghid li hemm polza ta' assikurazzjoni tal-MiddleSea Insurance Plc intestata favur iz-zewg konjugi, ma hemm ebda prova f' dan ir-rigward; kif lanqas mhix elenkata jew menzjonata fin-nota guramentata tieghu. Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tiskarta il-pretensjoni tal-konvenut f' dan ir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni attrici billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet principalment imputabblilli lill-attrici, u in subsidium il-konvenut;

[2] tichad it-tieni talba, u tordna li l-attrici jkollha access ghal uliedha minuri, kif fuq stabbilit;

[3] tichad it-tielet talba; u tikkundanna lill-attrici tirrifondi lill-konvenut is-somma ta' elfejn mitejn u hamsin lira maltin [Lm2,250] ; tikkundanna lill-istess attrici thallas lill-konvenut manteniment mensili ta' Lm60 bhala kontribut

taghha ghall-manteniment tal-minuri; u inoltre huma dovuti lill-attrici minghand il-konvenut kull ammont ulterjuri li dina hallset bhala spejjez ta’ l-iskola minn Ottubru 2005 sal-gurnata tallum – kollox kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Manteniment”;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u li din tinqasam u tigi assenjata kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti.”; u tinnomina lin-Nutar Dottoressa Elena Farrugia sabiex tircevi l-Att pubbliku fi zmien xaharejn, fl-edifizju tal-Qorti, fil-jum u hin minnha fissat, u tinnomina lill-Avukatessa Dottor Graziella Bezzina sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci;

[5] tichad il-hames talba, stante li l-provi f’ dan ir-rigward huma skarsi u kontestati mill-konvenut;[15]

[6] tichad is-sitt talba;

[7] tichad is-seba’ talba;

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet principalment imputabblilli lill-attrici, u in subsidium il-konvenut;

[2] tilqa’ it-tieni talba fis-sens kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;

[3] tilqa’ it-tielet talba fis-sens li l-fond “Raindrops” Coronation Street, Mosta jigi assenjat fl-intier tieghu lill-konvenut, u fl-istess waqt tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma globali ta’ seba’ u tletin elf lira, seba’ mija u hamsa u disghin lira maltin [Lm37,795] kif stabbilit fis-sezzjoni “Komunjoni ta’ l-Akkwisti.”;

---

[15] In propositu fin-nota guramentata tieghu l-konvenut jghid li l-kmanar tas-sodda u l-wall unit, ghalkemm gew mahduma minn missier l-attrici, saru a spejjez tieghu. [fol.76]

[4] tilqa' ir-raba' talba fis-sens li tapplika fil-konfront ta' l-attrici d-dispost ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmein talba stante li hija superfluwa;

[6] tilqa' id-disa' talba fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li ssir l-assenjazzjoni kif fuq stabbilit fis-sezzjoni "Komunjoni ta' l-Akkwisti.";

[7] tichad is-seba' talba;

[8] tilqa' it-tmien talba fis-sens fuq gja deciz.

Tordna li t-talbiet numri [4] u [5] tal-kontro-talba jigu ntaxxati bhala talba wahda

L-isepjjez kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet konguntivament: in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-attrici u r-rimanenti kwart [1/4] mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------